MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Numru 728/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**

**MARIA CREMONA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Maria Cremona, bint Carmel Cremona u Bernardette nee' Camilleri, imwielda nhar it-28 ta' Novembru 1987, Pieta', residenti 5, Benchar, Triq il-Blata l-Kahla, Santa Venera u detentrici tal-karta ta' l-identita' 538087(M).

Billi giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Gunju 2010 bejn il-hamsa ta' wara nofsinhar u s-sitta u kwart ta'

wara nofs nhar u (05:00p.m-06:15p.m) minn 5, Triq Sant' Anglu, San Giljan:

Volontarjament, hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, u cioe il-bieb ta' barra kif ukoll ornamenti u oggetti ohra ghad-dannu ta' Emmanuela Camilleri, liema hsara tammonta ghall aktar minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disa' u sittin centezmu ta' Euro (Euro 1,164,69)

Giet akkuzata aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamlet vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' haddiehor u cioe' ta' Emmanuela Camilleri

Il-Qorti giet gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' Emmanuela Camilleri jew biex tinzam l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' Emmanuela Camilleri jew sabiex tinzam il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' flus li tigi iffisata mill-Qorti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li jekk jidrila xieraq tobliga lil imputat b'obbligu msahhah bi pleggerija.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok TM6 u nnutat li l-imputata Maria Cremona m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Joseph Bonnici ghall-parte civile Emmanuela Camilleri presenti fl-Awla iddikjara li l-imputata issa hallset dak kollu dovut minnha lill-istess parte civile rigwardanti din il-kawza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(1)(a) u 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Maria Cremona, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi il-fedina penali netta tal-imputata, li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Joseph Bonnici ghall-parte civile Emmanuela Camilleri presenti fl-Awla iddikjara li l-imputata issa hallset dak kollu dovut minnha lill-istess parte civile rigwardanti din il-kawza, tillibera lill-istess imputata Maria Cremona taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Maria Cremona b'obbligazzjoni personali ta' elf u hames mitt Euro (Euro 1500) li zzomm il-kwiet ma' Emmanuela Camilleri ghal zmien sena millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputata Maria Cremona l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------